# DUN ĠUŻEPP VELLA FUNDATUR U MARTRI TAL-EWKARISTIJA

*Tagħrif miġbur minn* ***Joseph Said***

Din is-sena jaħbat iċ-ċentinarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù fin-Nadur li saret fit-22 ta' Mejju 1910.

Il-Fundatur ta' din il-knisja kien il-qassis Naduri Dun Ġużepp Vella li twieled fis-16 ta' Novembru 1854, mit-twajba nies tal-Knisja Mikieli u Anġla, imwielda Curmi. Dakinhar stess, din it-tarbija ġiet mgħammda mill-Kappillan tan-Nadur, Dun Ġwann Battista Grech. It-tfajjel Ġużeppi rċieva s-Sagrament tal-Griżma meta kien għad għandu erba' snin, fis-16 ta' Frar 1858, mill-Isqof Pace Forno.

Wara li għadda l-kors primarju fl-iskola tan-Nadur, li allura kienet fetħet fl-1842 (it-tieni skola f'Għawdex wara dik tar-Rabat) kompla l-istudji sekondarji tiegħu fis-Seminarju, dak inhar immexxi mill-Ġiżwiti, sakemm ordna saċerdot fil-15 ta' Ġunju 1878 u kien ikkonsagrat mill-Isqof Pietru Pace, wara li qala' d-dispensa minn Ruma billi ta' 24 sena kien għadu taħt l-età.



**Dun Ġużepp Vella**
Fundatur tal-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, Nadur.
Twieled 16-11-1854 | Laħaq Qassis 15-6-1878 | Miet 17-6-1906

Dun Ġużepp sa minn dejjem kien miġbud lejn l-Ewkaristija. Kellu devozzjoni speċjali tant li mill-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu, ħabrek u stinka u ta ruħu u ġismu għat-tkattir u devozzjoni tal-poplu lejn Ġesù Sagramentat. Il-missjoni tiegħu ma kinitx ħlief xogħol għal dan il-għan. Nafu li mal-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu, dlonk intefa' għall-propogazzjoni tal-Ewkaristija, u kien jiġbor tfajliet għat-tagħlim ujħeġġiġhom biex ikunu devoti u leali lejn l-Ewkaristija Mqaddsa. Din il-kongregazzjoni ta' tfajliet, sirt naf biha mill-qrib, billi fost dawn it-tfajliet li kienu jieħdu sehem, kien hemm ommi, sekonda kuġina tiegħu, li kienet tirrakkontali b'dawk il-laqgħat li Dun Ġużepp kien jgħamlilhom fil-knisja, u bit-tagħlim imħeġġeġ li kien joħroġ minn fommu.

Barra minn dan, kien, għal ħames snin sħaħ, iterraq bil-mixi lejn il-Qala ta' kull jum, biex jagħti s-servizzi saċerdotali tiegħu lis-sorijiet ta' hemm.

Nafu li l-poplu kollu u kull min kien jafu kien japprezza l-umiltà li kellu, il-ħlewwa u t-tjubija kienu tabilħaqq xempju tat-tjubija qaddisa tiegħu, iċ-ċaħda tiegħu kienet kbira tant li qatt ma qata' t-tgħakkis, sewwa minn ġewwa kif ukoll minn barra, kif jixhdu dawk li kienu qrib tiegħu u li kellu x'jaqsam magħhom. Fi kliem dawn, kien iqatta' ħajtu ta' qaddis. Jingħad ukoll, li, biex jgħakkes lilu nnifsu kien jorqod fl-art jew fuq l-injam. Dwar it-tgħakkis ta' ġismu, instabu wkoll ċ-ċillizzi, għodda li kienet tintuża dak inhar biex wieħed jgħakkes lill-ġismu.

Alla u l-Ewkaristija kienu għalih l-uniku oġġett tal-ħsibijiet tiegħu u dawn il-ħsibijiet komplew ankè wara mewtu. Mit-tfulija tiegħu beda juri devozzjoni speċjali lejn Ġesù Ewkaristija. Mera ta' dan hi l-knisja li bena, li kienet il-kaġun ta' ħajtu u li qatt ma kellu x-xorti li jaraha mitmuma, billi miet qasir il-għomor minħabba l-inkwiet li kellu u s-sofferenzi li għadda minnhom matul il-kostruzzjoni ta' din il-ħolma. Minkejja li tħabat kemm felaħ biex jibni l-knisja ma jfissirx li kollox kien ward u żahar. Minn xi notamenti tiegħu stess, nafu li sab diffikultajiet enormi biex fl-aħħar mill-aħħar qala' l-permess meħtieġ li kien ilu jitħabat għalih. Kien diffiċli ħafna għalih biex jottieni permess saħansitra minn għand l-Awtoritajiet Ekkleżjatiċi, (ara silta minn wieħed min-notamenti personali), fejn wera l-preokkupazzjoni tiegħu. Madanakollu kien dejjem sottomess lejn l-awtorità tal-knisja li fiha dejjem wera r-rieda t'Alla.

Barra mil-laqgħat li kien ikollu mat-tfajliet, kienet l-għaxqa tiegħu wkoll li jlaqqa' n-nies biex jitolbu miegħu kull filgħaxija waqt li kien jgħasses il-progress tal-bini tal-knisja, li kien ħolom biha wisq qabel u li issa kien ċert li din ix-xewqa tiegħu ser ssir realtà.

Għex ħajja ta' talb, ta' meditazzjoni, ta' xogħol, ta' silenzju u ubbidjenza. Nafu li qeda dejjem id-doveri saċerdotali tiegħu bl-akbar reqqa u skruplu. Il-missjoni li hu twieled għaliha, iddedikaha għal ħajtu kollha, għall-knisja li xtaq jibni li kienet il-mimmi t'għajnejh. U bit-tagħlim u l-ħidma tiegħu, kien ta' eżempju u ta' għajnuna mill-aktar kbira lil ta' madwaru. Dejjem għex u ħadem biex ixerred il-kult tal-Ewkaristija. Minkejja li tħabat kemm felaħ biex jibni l-knisja, ma jfissirx li qabel ma beda dan ix-xogħol ma sabx tfixkil kbir. Min-notamenti li kien inizżel (djarju), jgħid li tħabat kemm felaħ biex fl-aħħar mill-aħħar, jottieni l-permess mingħand l-awtoritajiet ekkleżżjastiċi (ara silta minn wieħed min-notamenti personali), billi f'dawk iż-żminijiet kienet tinbena wkoll il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana. Madankollu, ir-rieda qawwija u soda li kellu f'moħħu, bil-għajnuna tal-istess Ewkaristija, ma qatax qalbu u baqa' jitħabat sakemm qala' l-permess.

Kulħadd kien imsaħħar wara l-umiltà, l-onestà, il-ħlewwa u t-tjieba li kellu. Kien tabilħaqq xempu tat-tjubija. Dawk li kienu jafuh u kienu midħla tiegħu, jixhdu li kien jgħakkes lilu nnifsu u bħalma għidt aktar 'l quddiem, kien jagħmel dan bħala suffraġju. Kellhom esperjenza personali tas-sofferenzi li għadda minnhom matul ħajtu. Kien jikkonforta lil niesu u lil kull min kien jersaq lejh fil-qrar li jien jeħodlu ħafna ħin tal-ġurnata. Qrar, li kien iservi ta' kalamita tal-penitenti, biex anke huma, jduqu ftit mit-tjubija saċerdotali tiegħu.

Barra mix-xogħol tar-ruħ u tal-moħħ, kien anke jagħmel xogħol manwali. Difatti kien jillega l-kotba personali bħalma huma manuskritti u notamenti oħra. Kien ukoll jagħmel xogħol ta' mastrudaxxa, u anke ta' skarpan kien imidd idu. Kien jagħmel żraben għalih innifsu. Difatti kienet instabet żarbuna fir-residenza tal-familja li kienet tiegħu stess, magħmula minnu.



Tant kien imsaħħar lejn l-Ewkaristija, li meta wasal iż-żmien biex jagħżel il-lokalitaċ biex jibni l-knisja proġettata, għad li l-familja kellha propjetaċ immxerda man-Nadur kollu li setaċ juża' għal dan il-għan għal kuntrarju għażel u akkwista lokalita mingħand il-Markiż Scicluna, lokalità li kienet faċċata tal-abitazzjoni tiegħu u ftit passi 'l bogħod mnejn kien joqgħod. Dan għamlu biex ikun qrib kemm jista' jkun lejn l-Ewkaristija, kemm mentalment kif ukoll fiżikament. Mhux ta' b'xejn, li anke' wara mewtu, Ġesù ppermetta, li l-fdalijiet mortali tiegħu ikunu mill-aktar qrib lejn Ġesù fit-Tabernaklu, bħala wieħed jistaċ jara meta jidħol f'din il-knsija.

Barra minn dan kollu, kien bniedem sempliċi daqs tarbija. Bniedem li ma kienx jaf x'inhu ħażen. Karattru li anke xi darba ġabu fl-inkwiet. F'kelma waħda, il-kotba li jimlew il-librerija li hu stess kien għamel, jirriflettu il-ħajja qaddisa li għex.

Kien studjuż assidwu tal-Filosofija u tat-Teoloġija. Difatti nsibu, fost l-oħrajn, trattati u manuskritti dwar il-Filosphiae-Logoicae Primus u Secundus Scriptus. Trattat ieħor fuq 'Tractatatus Dogmatico Theologiae - De Deo Uno -1875. Żewġ trattati oħra fuq il-ġeometrija datati 21 ta' Settembru 1869 u l-ieħor tal-1870. Manuskritt ieħor fuq il-ġeografija Fiżika. Trattat ieħor li nkiteb meta kien għadu djaknu fl-1877 fuq it-Teoloġija. Barra minn hekk, insibu kwantità oħra ta' kotba, li l-biċċa l-kbira jitkellmu fuq ir-Reliġjon.

Miet ta' qaddis. Mifni bl-inkwiet u uġiegħ li nqalagħlu matul iż-żminijiet tal-kostruzzjoni tal-knisja, u biex jgħaqqad dan kollu, ħaddiem minn Sannat, waqa' għall-isfel meta l-kostruzzjoni tal-knisja kienet 'l fuq mill-garnicum, għoli ta' 'l fuq minn tletin pied. Dun Ġużepp kien preżenti, u ħa l-qatgħa li swietlu ħajtu. Il-ħaddiem, l-għada reġa' mar għax-xogħol, donnu ma ġara xejn, veru miraklu ċar, waqt li Dun Ġużepp ħass dik id-daqqa ta' strument li għalih kien il-martirju tal-mewt tiegħu. Għex għal dan l-ideal li kellu ikun il-martirju tiegħu. Verament li t-twajjeb Dun Ġużepp kien IL-FUNDATUR U L-MARTRI TAL-EWKARISTIJA.

# Il-Festa tal-Imnarja

Malta w Għawdex dlonk jifirħu
Hekk kif tfeġġ fuqna l-Imnarja;
Kif naqbad infisser ruħi
Ċerta bidla tinħass fl-arja!

Għax dil-festa mhix komuni --
Fil-Buskett u fin-Nadur
L-atmosfera ferreħija
U niesna bi ħġarha tmur.

Il-prodotti u l-għelejjel
Frott il-ħidma ta' dirgħajh
Il-bidwi joħroġ fil-beraħ –
Sigħat twal f'xemx, fuq saqajh.

Mill-qalb dil-festa issellem
Lill-Appostlu Kbir tal-ġnus,
U lil Pietru, s-sajjied għaqli –
Wara Kristu kien isus!

Dawn it-tnejn spiċċaw biex ċarċru
Demmhom għal Kristu l-Mulej;
Riedu biss 'l-Imgħallem jixbhu
Le ma qagħdu jaraw x'ġej!

Wieħed spiċċa rasu 'l isfel
Mislub m'għuda ta' salib;
L-ieħor spiċċa b'rasu barra
Biex miet għall-aqwa ħabib.

Fin-Nadur insibu statwa
B'dawn iż-żewġ kolonni kbar;
Fid-disgħa w għoxrin ta' Ġunju
Lilhom tqimhom sat-tfal żgħar.

Ta' kull sena ħa nifirħu,
Naqbżu, niżfnu għalenija
Għax l-Imnarja hija l-festa
Minn kulħadd wisq mistennija.

Kav Joe M. Attard